# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt


Minutu tas-seduta numru tlieta u tletin (33) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2009, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi fis-6:00pm

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Id-DSE qara l-**minuti tas-seduta preċedenti** u dawn sarulhom il-korrezzjonijiet li huma murija bil-linka fuq il-kopja oriġinali, ġew approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti:**

3. Wara intervent tas-Sindku, issa t-**tankijiet tal-ġarr ta' l-ilma** li kien hawn fi Pjazza San Mattew tneħħew għaliex is-sid kien avviċinat bil-kelma t-tajba.

4. Ir-**rampa fi Triq Salvu Cauchi** issa tneħħiet wara intervent f'waqtu tal-Kunsill għaliex kienet ta' periklu għal dawk li kienu jkunu għaddejjin minn fuq il-bankina.

5. L-**għalliema** li se jagħtu sehmhom għal **skola sajf** kienu magħżula u kien hemm kjarifika li Jorge Spiteri kien ġie magħżul bħala 'runner up' jekk xi ħadd mill-erba' għalliema l-oħra ma jkunx jista' jagħti sehemu.

6. Dwar ir-**restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp,** il-kumpanija Agius Marbles diġa' kienu kkuntattjati mis-Sindku u għandhom jgħaddulna stima sabiex isir dan ir-restawr, ħalli jidħlu tajjeb għalih l-HSBC li se jisponorjaw ix-xogħol.

7. Is-Sindku, dwar il-propost manutenzjoni/**kisi ta' Sqaq il-Karwija**, qal illi dal-għodu stess kellu żjara mis-Sur Carmelo Abela u marru t-tnejn flimkien fuq is-sit. Is-Sindku qal li anke is-Sur Abela huwa tal-parir li dan jingħata kisja kollu kemm hu, minkejja li wieħed jifhem il-limitazzjonijiet tar-riżorsi li għandna disponibbli. Is-Sur Abela qal lis-Sindku li hemm ċans illi jinġiebu mad-90% tal-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Hu kompla jinfurmah illi din is-sena ninsabu tard wisq u jaqbel li nagħmlu l-manutenzjoni fl-aktar partijiet imkissra li jeżistu u imbgħad naħdmu fuq dan, is-sena d-dieħla. Kien hemm diskussjoni dwar jekk għandux jimtela' bil-*cold asphalt* jew *scarrifying material* tat-toroq kif ukoll il-bżonn iminenti li jinfetħu t-toqob ħalli l-ilma jaqbeż fl-għelieqi u mhux jibqa' għadira kbira u joħnoq l-aċċess. Dwar ix-xogħol ta' kisi mill-ġdid intqal li ma jistax isir qabel, imbgħad nitolbu rifużjoni wara, għaliex inkella żgur li nibqgħu mingħajr rifużjoni. Intant is-DSE ħa ħsieb jagħti kopja tal-**bilanċi tal-**

**kontijiet tal-banek tal-Kunsill Lokali Ħal Safi** lill-kunsillieri sa l-aħħar ta' Ġunju, 2009 kif kien mitlub li jagħmel fis-seduta preċedenti.

8. Dwar il-**ħsarat li seħħew fuq is-siġra taż-żebbuġ fil-pjazza,** is-Sindku qal illi s-Surġent mill-Għassa taż-Żurrieq mar fil-*garage* fejn allegatament kienet qed tissewwa/issewwiet il-vettura. Intant is-sid tal-*garage* ċaħad li hu kellu il-vettura li kienet involuta f'din il-kollużjoni, li seħħet aktar kmieni ix-xahar li għadda.

9. Id-DSE talab stima biex isiru l-**iskrizzjonijiet fuq tabelli tal-*perspex*** li se jitpoġġew ma siti ta' mportanza storika. Madankollu l-fornituri talbuna aktar dettalji għaliex anke l-ammont ta' kliem li se jkun minqux, jagħmel differenza fl-istima. Dwar il-kelmiet l-aktar addattati li se jintużaw, Jimmy Busuttil qal li hu iħoss li għandu wkoll ikun involut is-Sur Pawlu Callus ħalli ma jkunx hemm żbalji u dan jintgħażel bir-reqqa.

10. Fil-minuti Francis Callus kellu oġġezzjoni għal dak li ma tnizżilx biex wera fehmtu fil-każ tal-pjanti tal-**Misraħ San Ġużepp**. Madankollu is-Sindku kien tal-parir li ġaladarba kien imsejjaħ il-Perit Musumeci dwar il-każ, kellna nistennew lilu. Minkejja dan, xorta saru l-korrezzjonijiet proposti. Is-Sindku qal li f'dan il-każ jidher li Jason Cutajar ma kienx informa lil KLĦS u/jew lil Perit bil-pjanti/proposti amendati wara li kienen inżammet laqgħa pubblika mar-residenti ta' din il-pjazza.

**KORRISPONDENZA**

12 Inqrat l-ittra ta' Ms M'Jane Mifsud fejn qed titlob refużjoni lill-KLĦS tal-ħlas li kienet għamlet għat-tifla tagħha biex tattendi **skola sajf**, li se jorganizza l-Kunsill sa minn nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2009. Ir-raġuni li ġabet din is-sinjura kienet illi hija se jkollha tarbija u għalhekk meqjusa sussettibbli għall-marda tal-A H1N1 li tittieħed minn persuna għall-oħra. Fl-ittra Ms Mifsud qalet li se jkun hemm il-possibilta' li tidħol fil-familja tagħha permezz tat-tifla minn skola sajf. Dorianne Zammit qalet li saru talbiet simili informali għall-refużjoni minn żewġ ġenituri oħra. Publius Abdilla qal illi bħala Kunsill għandna nimxu fuq id-direttivi li joħorġu mid-Dipartiment tas-Saħħa u l-*World Health Organisation*. Intant il-KLĦS iddeċieda li kull każ jikkunsidrah fuq il-mertu tiegħu u din it-talba formali intlaqgħet. Ovvjament jekk ikollna nnaqsu numru sostanzjali ta' tfal, ikollna nirriduċu n-numru tal-klassijiet u bħala prekawzjoni se nassiguraw ruħna mill-iġjene. Infatti se noqgħodu għal direttivi li ħareġ id-dipartiment ta' l-edukazzjoni stess u se jintużaw *paper towels* flok ix-xugamani tradizzjonali kif issa sirna nafu li abolixxewhom l-istess dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Eddie Bonello qal li jekk xi ġenitur jitlob li jirtira t-tfal tiegħu, sempliċiment minħabba biża minn *Swine Flue*, għandna nilqgħu it-talba tiegħu mill-ewwel, u dan għaliex jista' jkun li xi ġenituri se jkunu bagħtu lill-uliedhom, għaliex ikunu diġa' ħallsulhom.

13 Il-Perit Silvio Farrugia tat-*Traffic Management Unit* fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, kien infurmat mid-DSE illi r-***road hump* fi Triq il-Puniċi** m'hix qiegħda hemm biex tillimita' l-veloċita' tal-vetturi, iżda biex tiggwida kif suppost l-ilma tax-xita. Intant l-istess perit kitbilna u talabna l-proposti tagħna biex nassiguraw aħjar l-**immaniġar tat-traffiku** fejn intalab mill-Kunsill, viċin iċ-ċimiterju. L-ADT trid dawn il-proposti tagħna fuq pjanti apposta.

14 Korrispondenza oħra li nqrat, kienet dwar il-fondi disponibbli tal-**Fond għat-Titjib Urban** li minnu se jagħmel użu l-Kunsill għal Misraħ San Ġużepp. Dan issa jammonta għal madwar €33,000 skond il-MEPA. Peress li l-valur tal-proġett jeċċedi dawn il-fondi, l-kumplament ta' l-ispiża se joħroġa l-KLĦS.

15 Għal stedina li saret mid-Direttur tal-**Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ**, Dr Sandra Sladden, id-DSE dal-għodu attenda laqgħa flimkien ma diversi kunsilli oħra fl-uffiċini tagħhom f'Ħal Far. It-tema kienet il-***Community Works Scheme***. Dwar din l-iskema diġa tkellem Dr Chris Said, is-Segretarju Parlamentari fl-uffiċċju tal-Prim Ministru u qal li biha il-persuni li qed jirreġistraw se jkunu utilizzati fil-Kunsilli Lokali. Id-DSE iffirma sabiex persuna/i minn dawk il-mija li se jkunu allokati mal-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex, se jwettqu sitt xhur xogħol pilota fost il-kumunitajiet tagħna. L-uffiċjali tal-ETC stqarrew dal-għodu li ma kienetx faċli għalihom biex intervistawhom u ipperswadewhom li jekk ma jagħtux dak li jistgħu fis-sitt siegħat kull jum xogħol li se jkunu assenjati għalih, se jkollhom kontra qalbhom jaqtgħuhom minn fuq ir-reġistri tagħhom.

16 Dwar il-***hoarding walls*****,** se naraw kif inġibu risposta preferibbilment bil-miktub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll mill-MEPA.

17 Il-laqgħa kienet sospiża fis-7:15pm fejn il-Perit Musumeci wasal fl-uffiċċju u spjega dak kollu li ġara fil-każ tal-**Misraħ San Ġużepp**. F'dan il-proċess hu qal li l-MEPA biddlet xi affarijiet li kienu sottomessi mill-Kunsill permezz tal-pjanti tiegħu. Iżda d-diskussjoni kollha kienet konċentrata fuq **żewġ spazji tal-parkeġġi** tal-vetturi. Hawn instabu l-pjanti ta' kif inhu l-proġett bħal issa, dawk proposti oriġinalment, kif ukoll it-tneħħija ta' parkeġġ minn Triq San Franġisk kantuniera ma Triq San Ġużepp. Dwar din ta' l-aħħar intqal illi għandna nitolbu l-MEPA għal rikonsiderazzjoni għaliex tista' tidher li Triq San Franġisk hija triq traffikuża meta fil-fatt ma jgħaddi l-ebda traffiku minnha għajr għal *garage* wieħed li jeżisti. Dwar dan il-każ Eddie Bonello qal lil Perit Musumeci, li l-applikazzjoni l-korretta, qatt ma jidher ntbgħatet. Id-deċiżjoni finali dwar dan il-każ kienet illi għandhom isiru *minor amendments* għaliex jista' jkun illi d-deċiżjoni tal-Kunsill ma kienetx ikkomunikata lil Perit u fil-fatt se nsostnu li l-isqaq (Triq San Franġisk), jibqa' żona pedonali. F'din is-seduta attendew diversi persuni li joqgħodu f'din iż-żona.

18 Każ ieħor li kien diskuss mal-Perit Musumeci huwa dak tal-**proposta ta' ġiebja** għall-irrigazzjoni tar-raba mill-bdiewa minn dak l-ilma tax-xita akkumulat fi Triq il-Karwija. Hawn issemmew, il-qlib ta' l-ilma, l-*overflow* tal-ġiebja għall-mal-*gutter* tal-MIA kif ukoll il-possibilita' li l-ilma jmur fid-dagħbien fl-ilma tal-pjan u kif dan kollu jiffittja fil-Miżura 215 bil-possibilita' li nittappjaw fondi mill-Unjoni Ewropeja. Id-deċiżjoni meħuda dwar dan kienet illi nagħmlu appuntament mas-Sur Martin Dalmas tal-MIA ħalli flimkien mal-Perit nidħlu naraw fuq il-post. Fuq kollox se naraw jekk hemmx bżonn permess tal-MEPA, għaliex skond il-Perit Musumeci dawk l-applikazzjonijiet li daħlu mill-Kunsilli Lokali (aktar minn 40) għall-miżuri 313 u 323 se jkunu kollha skwalifikati jekk fil-fatt hemm bżonn ta' permess tal-MEPA u dan għadu ma ħariġx. Il-

Perit fil-fatt qal, illi għalhekk fil-każ tal-Kunsill Lokali Siġġiewi, huma applikaw fuq ħitan tas-sejjiegħ għaliex m'hemm bżonn l-ebda permess għalihom biex dawn jittellgħu.

19 Qabel ma telaq il-perit fit-7:50pm, is-Sindku semma' l-proposta ta' **kisi ta' Sqaq il-Karwija bit-tarmak** kif ukoll il-**kontijiet pendenti** li għandu l-Kunsill Lokali Ħal Safi ta' €500 biex titmexxa l-kaxxa tat-telefon viċin l-għassa.

20 Is-**sospenzjoni ta' l-agenda** issuktat billi l-KLĦS ippermetta li jisma' lis-Sinjuri Faenza li attendew din is-seduta. Huma wara li ħadu risposta formali mill-KLĦS illi l-istage ta' Triq iż-Żurrieq ma jistax jitressaq/jitneħħa, xorta ma qatgħux qalbhom u ġew biex jitkellmu dwar l-inkonvenjent kbir li qed joħloqilhom. Ms Dorianne Faenza li xtrat il-fond 'Katarina' meta fil-fatt ma kienx hemm stage quddiem din ir-residenza, qalet li qed issib kull tip ta' skart kif ukoll iddeskriviet li qed ikun hemm żgħażagħ bi mġieba ħażina bil-qiegħda fuq l-għatba tagħha. Hija qalet li faċilment jistgħu jintużaw l-istages l-oħra għaliex tliet stages kważi fl-istess triq huma ħafna (wieħed minnhom fil-fatt jinsab fiż-Żurrieq). Minkejja li l-familja Faenza telqu mill-laqgħa fit-8:05pm il-Kunsill baqa' jiddiskuti l-każ sat-8:50pm. Hawn intqal illi jekk l-istage jinqala' se jinħoloq preċedent, għaliex wara kollox dan ilu hemm aktar minn sitta u tletin sena. Il-viċi sindku qal illi l-fatt li qed ikun hemm in-nies, ifisser li qed jintuża, u għalhekk jinsab f'pożizzjoni idejali. Is-Sindku qal li jekk jitnaqqas stage, jista' jkun hemm diffikulta' speċjalment għall-anzjani meta tkun ix-xita. Intant kienet diskussa l-proposta biex it-trasport pubbliku jdawwar ir-rotta. Kien ukoll identifikat li l-problema mhux qed tkun x'ħin it-trasport pubbliku jkun tiela' lejn iċ-ċentru iżda meta tal-linja jkunu neżlin. Infatti l-problema hija kkonċentrata fit-tul ta' stennija mill-*commuters*.

21 Kien trattat il-**każ ta' Jason Cutajar**. Hawn is-Sindku qara l-ittra ta' l-avukat tiegħu, Dr Montalto. F'din l-ittra Jason Cutajar permezz ta' l-Avukat Montalto qed joffri li l-klijent tiegħu iħalla lil KLĦS €15,000 minnufih u l-kumplament tal-bilanċ dovut lilna jinqatgħu ftit ftit, mingħajr l-ebda preġudizzju u ammissjoni. Sadanittant, is-Sindku informa lill-kunsillieri illi l-kumpanija Busuttil & Micallef illum ikkonkludew l-investigazzjoni għas-sena 2003 iżda r-rapport għadu ma ħariġx. Jidher li matul din is-sena kien hemm misappropriazzjoni ta' Lm4,300 u nstabu wkoll żieda ta' Lm2,100 misapproprijati oħra, għas-snin 2004-6. Jidher li f'dawn is-snin kien qed jinżamm ktieb ta' riċevuti li fuqu kull min kien qed jieħu l-cash minn għand il-pubbliku ma kienx jiffirma, minkejja li l-logo tal-Kunsill kien qed isir permezz ta' timbru fuq il-kopja oriġinali biss. Hawn Jimmy Busuttil staqsa jekk timbru biss jiswiex mingħajr firma. Hu fakkar li d-dubji fil-Qrati hu favur l-akkużat. Il-KLĦS b'mod unanimu iddeċieda li jinfetħu s-snin 2002, jekk jibqgħu jinstabu fondi misapproprijati, titkompla is-sena 2001 u wkoll l-2000. L-ispejjeż biex issir l-investigazzjoni hija ta' Lm700 u kien deċiż li ma jinfetħux is-snin 1997-99. Il-Kunsill kien infurmat li l-investigatur reġa' ġej għada sabiex jippreżenta dak kollu li sab għas-sena 2003 lis-Sindku uffiċjalment. Is-Sindku qal li l-investigatur huwa tal-fehma illi jekk il-Kunsill jiddeċiedi (kif fil-fatt iddeċieda li jibqa' jinvestiga s-snin b'lura, hu jagħmel rapport wieħed. Francis Callus qal li ġaladarba f'kull sena li ġiet investigata l-fondi misapproprijati kienu aktar mis-Lm700 (il-ħlas ta' l-investigatur) allura jagħmel sens li mmorru aktar lura. Dwar il-ftehim kif fil-fatt qed jipproponi l-avukat ta' Cutajar, Jimmy Busuttil qal li hu tal-parir li nitkellmu naqra mal-

parti l-oħra ħalli naraw naslux għal ftehim mill-ewwel. Is-Sindku ssuġġerixxa li ngħidulu biex niltaqgħu miegħu fejn ikun hemm il-Kunsillieri kollha ma' l-avukat tagħna u nippruvaw niftiehmu. Hu qal li jaqbel illi ndaħħlu wkoll l-imgħax fuq il-flus misappropprijati. Francis Callus qal illi Jason għandu nteress li jsir dan il-ftehim, għaliex dan se jkun favur tiegħu. L-Ispettur Cilia tkellem ma' Pietru Pawl Busuttil u dan qallu li l-akkuża bil-fors se tikber għaliex l-ammonti huma kbar ħafna.

22 Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet*** numru 24 u l-**Purchase Request Form** numru 2.

23 Kien deċiż illi l-**ħarġa tal-fuljett ta' Awissu** ma ssirx u nħallu biss ħarġa fil-Milied u oħra f'Ġunju.

24 F'punti oħra kien ikkunsidrat ix-**xiri ta' ġeneratur** biex jaħdmu bih il-ħaddiema għaliex kien hemm diffikulta' biex jieħdu l-elettriku minn għand in-nies.

25 Pietru Pawl Busuttil wera t-tħassib tiegħu għal dak li se jiġri matul tmiem il-ġimgħa li ġej bil-**festa f'Ħal Kirkop**. Hu ssuġġerixxa illi biex ikun evitat inkwiet nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, għandna niktbu ittra lill-Ispettur taż-Żurrieq fejn ngħidulu li għandhom jiġu rispettati r-regoli tat-traffiku biex parti minn Triq iż-Żurrieq, tibqa' *one way* anke għal dawk li jkunu ġejjin mix-xalata. Fil-passat jidher li inkisret il-liġi u ħadd ma ħa passi biex jitressqu dawn it-talin magħqudin f'serbut twil ta' vetturi jpaqpqu l-ħornijiet.

26 Il-**laqgħa ntemmet fit-8:25pm** u dik li jmiss se ssir fl-20 ta' Lulju, 2009 fis-6:00pm

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 20/7/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku